-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9 [Laqgħa Urġenti]

[Nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ralph Mangion– Viċi Sindku

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Id-D.S.E informa li l-Viċi Sindku ma setax jattendi.

## 9.2 Kuntratt: Handyman

9.2.1 Il-kunsillier J.Cardona rringrazzja lis-Sindku talli aċċetta li ssir din il-laqgħa biex jiġu ċċarati ċerti affarijiet fuq it-tenders. Qal illi fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill approva żewġ tenders izda xtaq jiċċara ċerti affarijiet. Qal ukoll illi hu ma setax jattendi l-laqgħa preċedenti minħabba x-xogħol.

9.2.2 Is-Sindku qal illi aċċetta li ssir il-laqgħa għax kollox sar kif suppost u jixtieq illi dak kollu li hemm bzonn illi tiġi diskussa ssir madwar il-mejda u mhux barra l-Kunsill. Qal illi kien fl-interess ta' kulħadd illi l-ewwel id-D.S.E jispjega l-proċeduri tat-tenders.

9.2.3 Id-D.S.E qal illi l-ewwel u qabel kollox isir Market Research biex ikun hemm studju dwar l-ispejjez illi se jkun hemm tul il-perjodu tal-kuntratt. Ħareġ l-istimi li kien irċieva għat-tender in kwistjoni fejn fost tlieta li rċieva, l-uniku tender li rċieva kien ta valur ferm fil-baġit. Qal illi l-kuntratt trid tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kunsill, talli informazzjoni kien ġabar tul diskussjonijiet/ilmenti li rċieva fil-passat. Qal meta din toħroġ, il-Bord tevalwa dawk il-bids illi jkun hemm, jaraw jekk huma konformi bħala eleġibbilta, aspetti tekniċi u bħala baġit. Wara l-Kunsill jieħu deċiżjoni.

9.2.4 Il-kunsillier J.Cardona staqsa jekk il-kuntrattu se jkollu jkun preżenti għax-xogħol għal erbgħin siegħa. Id-D.S.E qal illi dejjem hemm bzonn ta' indikazzjoni tal-ammont ta' ħin illi hemm bzonn u hemm referenza għall-ħinijiet biex, ikun min ikun il-kuntrattur, ikun jaf illi ma jistax ikollu xogħolijiet oħra matul dawn il-ħinijiet, jew f'kaz ta' kumpaniji jkunu jafu li l-ħaddiema għandom ikunu preżenti għal dawk il-ħinijiet. Qal illi jekk il-handyman mhux se jagħmel is-sigħat, mhuwiex se jitħallas għas-sigħat illi ma jagħmilx, izda jekk ma jkunx hemm indikazzjonijiet tal-ħin, inkunu ċegħdin niġġieldu ma ħaddieħor għas-servizz tal-kuntrattur. Il-kuntrattur mhux se jitħallas għal ħin illi ma jagħmilx.

9.2.5 Il-kunsillier J.Cardona staqsa wkoll jekk il-helper għandu jitħallas l-istess rata tal-handyman. Id-D.S.E qal illi hemm differenza bejn Handyman u helper. It-tender ħarġet għal handyman izda meta jkun hemm rikwest mill-Kunsill dan għandu jsib għajnuna mingħand handyman ieħor jekk jirrekjedi x-xogħol. Qal illi t-tender toħroġ per man hour u b'hekk ikun hemm l-istess rata jekk isir l-istess tip ta' xogħol mill-persuna l-oħra. Qal illi la s-sur Cardona qed jirreferi għal 'helper', cioe assistent, il-ħlas m'għandix tkun l-istess. F'dak il-kaz l-ewwel il-Kunsill għandu juza r-riżorsi tiegħu u f'każijiet illi għandu jiġu aċċettati mill-Kunsill qabel, ikun hemm ħlas għal helper izda mhux bl-istess rata.

9.2.6 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi xtaq illi s-Sindku jiċċarra dak li qal fil-laqgħa preċedenti fejn hu fehem illi jekk il-Kunsill ma jaċċettax illi jaħdem l-uniku wieħed illi tefa t-tender, dan se jieħu passi legali. Is-Sindku qal illi ma qalx illi se jressaq il-Kunsill il-qorti, izda li għandu dritt biex jieħu passi legali la l-bid hija waħda legali. Qal illi ma jistax jitkellem għall-azzjonijiet li jista jieħu ħaddieħor izda avza li la dan mexa kif suppost, jekk il-Kunsill ma jagħtix raġunijiet validi, dan għandu dritt jieħu passi legali.

Il-kunsillier A.Zammit qal illi darba mar jieħu kafe mall-kunsilliera N.Chetcuti, H.Caruana u S.Farrugia fejn il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hu għandu jkun fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni u ma kienx jaf x'hemm fit-tender. Għalehkk ħass illi l-kunsillier N.Chetcuti għanu jitkellem.

9.2.7 Id-D.S.E qal illi d-dokumenti huma kollha aċċessibli fuq l-etenders. Qal illi kien ura kemm lill-kunsillier N.Chetcuti, kif ukoll lill-kunsillier A.Zammit kif għandom jużaw is-sistema fil-passat. Żied li anka għal din it-tender li qed tiġi diskussa, kemm il-darba staqsa jekk hemm uħud ġodda li jixtiequ jkunu fuq il-Bord biex jitkellmu. Qal illi barra s-Sindku u impjegat li hu tekniku ħafna, l-għażla kienet bejn il-kunsillier N.Chetcuti u A.Zammit għax huma biss kienu użaw is-sistema fil-passat. Qal illi kien anka offra li min jixtieq jagħmel l-ewwel tender, juri kif mingħajr ma jkun hu li jagħmel ix-xogħol ta' evalwatur biex id-deċiżjoni dejjem tkun ta' min hu fil-Bord. Żied illi jekk kien hemm min kellu mistoqsijiet faċilment seta jistaqsi u ħadd ma qal lil ebda evalwatur biex ikun fuq il-Bord. Żied ukoll illi fil-passat il-Kunsill kien oġġezzjoni li nużaw is-servizz ta' nies minn barra l-Kunsill biex ikunu fuq il-Bord, sakemm ma tkunx tender tekniku u hemm bzonn xi ħadd professjonali. B'hekk kien hemm limitu ta' min seta jieħu ħsieb. Żied illi fl-ebda ħin persuna għanda tevalwa tender mingħajr ma tkollha d-dokument quddiema.

9.2.8 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi mexa fuq l-ispeċifikazzjonijiet li kien hemm fit-tender.

9.2.9 Għal fini ta' dettalji d-D.S.E fakkar illi hemm il-penalties li għandom jiġu implementati f'każ illi l-kuntrattur ma jimxix bil-ftehim, kif ukoll hemm probation ta' sitt xhur.

9.2.10 Id-D.S.E qal illi mhux qed jgħid illi kollox ikun perfett izda xtaq jiċċara li fuq din it-tender kemm il-darba, fil-leġislatura preċedenti, kien ħa nota tal-kummenti tal-kunsilliera biex meta toħroġ is-sejħa tkun addattata għal dak illi xtaqu huma. Qal illi kien hemm laqgħat fil-leġislatura preċedenti fejn kienu ddiskuttew l-ispecs, anka tal-Contracts Manager, u dawn jidhru fit-tender. Fakkar ukoll illi ħadem fuq it-tender fil-leġislatura preċedenti u fin-nofs kien hemm l-elezzjonijiet, kif ukoll kien sar jaf illi se jitlaq mill-Kunsill u anzai kien tefa t-tenders online pjutost tard. Qal illi wara l-laqgħa ma bagħatx l-ittra ta' aċċettazzjoni b'rispett lejn il-kunsilliera li bagħtu emajl wara li l-Kunsill aċċetta t-tender ħalli l-affarijiet jiġu ċċaratti, izda insista li dejjem imxew mal-prassi.

9.2.11 Is-Sindku qal ukoll illi hu ma kellu xejn x'jaqsam mall-ispeċifikazzjonijiet għax kien ħalla f'idejn id-D.S.E sakemm ġiet konkluza t-tender. Qal illi wara dawk fil-Bord kellom l-opportunita li jevalwaw fil-paċi waqt illi l-Kunsill seta jirrifjuta d-deċiżjoni tal-Bord.

9.2.12 Il-kunsillier H.Caruana rringrazzja lis-Sindku u lid-D.S.E talli taw spjegazzjoni fuq il-mistoqsijiet kollha li saru. Qal biss illi jemmen illi fil-futur għandna noħorġu riklam tat-tenders barra d-DOI. Id-D.S.E qal illi dik hija xi ħaġa li tista ssir. Qal illi biex tuza gazzetti oħrajn se jkun hemm spiza extra izda hija aċċettabli la ssir bl-Ingliz u bil-Malti. Qal illi suppliers kienu jafu għax kien hemm izjed minn wieħed li ura interesst, izda wieħed biss applika.

9.2.13 Il-kunsillier H.Caruana, kif ukoll il-kunsillier S.Farrugia qal illi hemm bzonn illi l-paroli ssir madwar il-mejda u mhux isiru diskussjonijiet madwar il-mejda u wara jkun hemm min iparla bil-kontra qabel ma jitilqu mill-viċinanza tal-Kunsill. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi diversi drabi qed jisma paroli li ma jiġux diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill u din għanda tieqaf. Qal illi anka jixtieq jiskuza ruħu mas-Sindku u mad-D.S.E jekk kien aħrax bil-paroli tiegħu waqt l-aħħar laqgħa izda saru ċerti diskors quddiemu barra l-Kunsill biex ikun hu li jitkellem f'isem ħaddieħor u ħaddieħor ma jgħid xejn. Is-Sindku qal illi m'għandux għalfejn jiskuza ruħu izda li l-affarijiet għandom jiġu diskussi madwar il-mejda u kif ġie spjegat illum dejjem se jsibu l-kooperazzjoni. Id-D.S.E qal illi dak kollu li jiġri għanda ssir fl-interess tar-residenti. Min jixtieq jistaqsi mistoqsijiet għandu dritt jistaqsi. Ħadd m'għandu kontroll fuq il-paroli li jsir barra. Il-kunsillier A.Zammit ukoll ikkumenta fuq din il-punt u qal illi jista

jkun saru żbalji qabel, izda jifhem illi min ried jara d-dokumenti kellu aċċess fuq is-sistema u fil-laqgħa preċedenti id-deċiżjoni ttieħdet.

9.2.14 Id-D.S.E qal illi avolja ttieħdet deċiżjoni fl-aħħar laqgħa, issa la l-affarijiet ġew iċċerati xorta waħda xtaq jara li l-kunsilliera li ma kienux ċerti fuq diversi aspetti tat-tender issa huma kuntenti. L-emajl waslet mingħand il-kunsilliera J.Cardona, H.Caruana, S.Farrugia u J.Borg illi kolla kemm huma qablu mat-tender la hemm l-ispjegazzjonijiet li waslu b'referenza għall-punti 10.2.4 u 10.2.5.

9.2.15 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet x'se jsir issa. Id-D.S.E qal illi issa la kulħadd kuntent se jkompli bil-proċedura u tintbagħat l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 9.3 Kuntratt: Contracts Manager

9.3.1 Id-D.S.E qal illi fl-emajl kien hemm anka referenza għall-kuntratt tal-Contracts Manager. Il-kunsilliera li bagħtu l-emajl qalu li l-affarijiet diġa ġew ċċaratti għax ukoll kien ikun hemm ħafna paroli wara laqgħat tal-Kunsill izda fuq fini ta' dettalji d-D.S.E fakkar illi xogħol il-Contracts Manager se tkun biex tara li kull kuntrattur qed jagħmel ix-xogħol skond it-tenders rispettivi tagħhom. Qal ukoll illi għandom isiru rapporti fil-ġimgħa, kif ukoll rapport ta' kull xahar fejn il-Contracts Manager se tibgħat rimarki dwar jekk il-kuntrattur għandu jitħallas in full jew jekk għandom isiru penalties.

9.3.2 Id-D.S.E fakkar lill-kunsilliera li kienu preżenti fil-leġislatura preċedenti dwar l-ammont ta' drabi li kien qal illi l-Contracts Manager mhux se jkun hemm biex jara xogħolijiet ta' siti ta' kostruzzjoni izda biex jara xogħolijiet tal-kuntratturi tal-Kunsill. Il-kunsillier J.Cardona kkonferma li dan kien intqal fil-passat. Fuq dan il-punt id-D.S.E qal illi kienu dawn it-tip ta' laqgħat fejn ħa l-informazzjoni għall-ispeċifikazzjonijiet.

9.3.3 Il-kunsillier H.Caruana qal illi l-unika ħaġa li qed idejqu jibqa l-fatt illi saret bid minn pulizija u ma jafx kemm jista jaħdem la għadu fil-korp. Qal illi dan ilu Contracts Manager tal-Kunsill snin u mhux suppost rapprezentant tal-Korp jista jagħmel xogħol ieħor. Id-D.S.E qal qabel kien hemm kuntratt ta' Operational Manager u d-DLG kienu avzaw li l-kuntratt tibqa in vigore. Żied ukoll illi meta kien daħal fil-Kunsill ftit wara li kien hemm il-kuntratt, kien bagħat lil Assistent Kummissarju li bagħtet biex tgħid illi l-persuna seta jagħmel ix-xogħol. Qal ukoll illi issa, fit-tender, hemm bid minn persuna oħra, izda hu jiġi wieħed mill-persuni li hemm fit-tim bħala back-up. Qal illi ma nidħlux f'affarijiet personali izda la din il-kwistjoni qamet tlett snin ilu, hemm l-approvazzjoni tal-A.C li l-persuna li sema s-sur Caruana jista jaħdem. Fakkar illi t-tender ħarġet għal kulħadd. Qal illi f'dan il-każ kien hemm sitt kumpanijiet li urew interess. F'każ illi dan se jkollu problema mall-korp hija problema tagħhom mhux tagħna per se, izda l-Kunsill għandu jara biss illi dan qed jagħmel ix-xogħol skont it-tender.

9.3.4 Il-kunsilliera qablu li l-proċess għanda tkompli wkoll fil-każ tal-Contracts Manager

9.3.5 Is-Sindku qal illi din il-laqgħa għanda tiswa ħafna biex turi li l-affarijiet għandom jintqalu waqt il-laqgħa, quddiem kulħadd, fejn isiru diskussjonijiet amikevoli għall-ġid tal-lokalita. Il-kunsilliera rringrazzjaw lis-Sindku u lid-D.S.E tal-ispjegazzjonijiet u wkoll qalu li jisperaw li l-affarijiet jintqalu madwar il-mejda u li ħadd ma jmur jgħid informazzjoni zbaljata lin-nies. Id-D.S.E qal illi għal darb'oħra se joffri l-assistenza lil min jixtieq ikun jaf juza s-sistema tal-etenders jew japplikaw għal kors. Qal illi jekk min ikun parti mill-Bord, huwa suġġerit illi kullha jkunu preżenti madwar l-istess mejda b'laptops individwali, u bi projector biex jaraw l-istess tender, u x-xogħol isir fl-istess ħin. Izda hemm bzonn l-assistenza ta' kulħadd.

## 9.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.4.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.15pm. Il-laqgħa li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fil-5.30pm kif ġiet aġġornata fil-laqgħa preċedenti.

Konfermati, illum 18 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |